**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Każ Nru. 613/2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Eman Hayman)**

**Vs**

**Joseph Zahra**

**Illum 16 ta' Mejju 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' Joseph Zahra, iben Joseph u Margaret neè Farrugia, imwieled il-Pietà fit-2 ta' Lulju 1982, residenti Farmhouse, Triq Ħal-Far, Birżebbugia, u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 360482(M), talli nhar l-10 ta' Settembru 2021 għall-ħabta tal-11:00p.m. u fis-siegħat u/jew fil-ġranet u/jew ġimgħat ta' qabel ġewwa Zurrieq, Birżebbugia, u diversi postijiet ġewwa dawn il-Gżejjer:

1. Ikkaġuna lil missieru Joseph Zahra fastidju meta ġab ruħu b'mod li missu kien jaf li kien qed ikun tali u li dawn id-delitti relatati twettqu ripetutament, minn żewġ persuni jew aktar li aġixxew flimkien u bi vjolenza qabel jew waqt it-twettiq tad-delitt;

2. Ikkaġuna lil missieru Joseph Zahra biża li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjetà tiegħu u li dawn id-delitti relatati twettqu ripetutament, minn żewġ persuni jew aktar li aġixxew flimkien u bi vjolenza qabel jew waqt it-twettiq tad-delitt;

U wkoll talli fil-perijodu ta' bejn it-28 ta' Awwissu 2021 u l-10 ta' Settembru 2021, ġewwa Żurrieq, Birżebbuġia u diversi postijiet ġewwa dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

3. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' missieru Joseph Zahra f'periklu ċar, volontarjament ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u cioè offiżi

ta' natura ħafifa ta' importanza żgħira fuq il-persuna ta' missieru Joseph Zahra, hekk kif iċċertifikat minn diversi tobba;

4. Insulenta, ħedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lil missieru Joseph Zahra;

5. Għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band' oħra fil-Kodiċi Kriminali lil missieru Joseph Zahra jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

6. Mingħajr ma darab jew sawwat, hedded lil missieru Joseph Zahra b'ġebel jew oġġett ieħor iebes jew waddab jew qabad xi arma sabiex iħebb għalih;

7. Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet b'xi mod mhux imsemmi band' oħra fil-Kodiċi Kriminali;

8. Bil-lejl, volontarjament kiser il-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes jew għajjat jew b'mod ieħor;

U aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lokalitajiet u ċirkostanzi:

9. Wara li kien avżat kemm bil-fomm kif ukoll b'avviż bil-miktub mill-Pulizija sabiex jattendi l-Iskwadra ta' Kontra l-Vjolenza Domestika ġewwa id-Depot tal-Furjana, sabiex jagħti dak it-tagħrif u/jew iġib miegħu dawk id-dokumenti li l-Pulizija kienu jinħtieġu fuq xi investigazzjoni, naqas li jagħmel dan;

Rat it-talbiet tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti: (i) toħroġ Ordni ta' Protezzjoni, inkluż fil-mori tal-proċeduri, kontra l-imputat Joseph Zahra a benefiċċju ta' missieru Joseph Zahra u dan fit-termini ta' l-Artikolu 412Ċ tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (ii) f'każ ta' ħtija, tipprovdi għall-persuna ta' missier l-imputat Joseph Zahra jew sabiex tinżamm il-bon ordni pubblika, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lill-imputat Joseph Zahra b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma flus li tiġi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 *et seq*. tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Mata, għal żmien li tħoss xieraq; (iii) f'każ ta' ħtija tikkundanna lill-imputat Joseph Zahra għall-ħlas ta' spejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' Esperti jew Periti fil-proċeduri, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni markati Dok. "EH1" sa' Dok. "EH12" a fol. 7 sa' 45 tal-proċess;

Rat li l-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu[1];

[1] Fol. 46 tal-proċess.

Rat l-Ordni ta' Protezzjoni maħruġ fil-konfront ta' l-imputat għas-salvagwardja ta' missier l-imputat Joseph Zahra, permezz ta' Digriet datat 23 ta' Settembru 2021[2]; Semgħet ix-xhieda ta' Joseph Zahra (missier l-imputat) mogħtija waqt is-seduti tas-7 ta' Ottubru 2021[3] u ta' l-4 ta' Ottubru 2022[4], semgħet ix-xhieda ta' Dr. Rebecca Galea[5], Dr. Justine Pearson[6] u Dr. Daniel Mizzi[7], ilkoll mogħtija waqt is-seduta tat-8 ta' Novembru 2021, semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Eman Hayman mogħtija waqt is-seduti ta' l-1 ta' Diċembru 2021[8] u ta' l-14 ta' Frar 2023[9] u rat id-dokument esebit minnu markat Dok. "GVX" a fol. 178 sa' 283 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Dr. David Fenech[10], Mr. Ray Gatt[11] u Dr. Maria Aquilina[12], ilkoll mogħtija waqt is-seduta ta' l-24 ta' Jannar 2022 u rat id-dokument esebit minn Dr. David Fenech markat Dok. "DF" a fol. 119 u 120 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' l-Avukat Dr. Lennox Vella mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta' Mejju 2022[13] u rat it-traskrizzjoni ta' l-istqarrija ta' l-imputat imħejjija minnu markata Dok. "LV" a fol. 134 sa' 167 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' PC733 Leander Spiteri mogħtija waqt is-seduta tas-27 ta' April 2023[14], ta' PC727 Orazio Scicluna[15] u ta' PC1477 Owen Michael Gatt[16] mogħtija waqt is-seduta tad-9 ta' Mejju 2023 u semgħet ix-xhieda ta' PS1474 Kieran Parnis mogħtija waqt is-seduta tas-16 ta' Mejju 2023[17]

Rat in-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju ta' l-Avukat Ġenerali datata 15 ta' Ġunju 2022[18], permezz ta' liema jibgħat lill-imputat sabiex jiġi ġġudikat mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għall-ħtija jew ħtijiet maħsub:

- Fl-Artikoli 251A(1)(b), 251A(4), 222(1)(a), 251H(b) u 251H(f) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 251B u 251H(f) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 18, 214, 215 u 221(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 18, 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 18, 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 18, 339(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

[2] Fol. 51 tal-proċess.

[3] Fol. 80 sa' 95 tal-proċess.

[4] Fol.175 u 176 tal-proċess.

[5] Fol. 102 u 103 tal-proċess.

[6] Fol. 104 u 105 tal-proċess.

[7] Fol. 106 u 107 tal-proċess.

[8] Fol. 109 sa' 112 tal-proċess.

[9] Fol. 179 tal-proċess.

[10] Fol. 117 u 118 tal-proċess.

[11] Fol. 121 u 122 tal-proċess.

[12] Fol. 123 u 124 tal-proċess.

[13] Fol. 133 tal-proċess.

[14] Fol. 288 tal-proċess.

[15] Fol. 290 u 291 tal-proċess.

[16] Fol. 292 tal-proċess.

[17] Fol. 294 u 295 tal-proċess.

[18] Fol. 169 tal-proċess.

- Fl-Artikoli 18, 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 18, 355AD(3)(4)(5) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 15A, 17, 31, 382A, 383, 384, 385 u 386 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li waqt is-seduta ta' l-4 ta' Ottubru 2022, il-Prosekuzzjoni ddikjarat li ma għandhiex iktar provi xi tressaq u semgħet lill-imputat jiddikjara li ma għandux oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja; Inqraw l-Artikoli;

Rat li waqt is-seduta tas-26 ta' Settembru 2023 id-Difiża ddikjarat li ma għandhiex provi xi tressaq u li l-imputat għażel li ma jixhidx f'dawn il-proċeduri;

Rat li waqt l-imsemmija seduta tas-26 ta' Settembru 2023, il-Prosekuzzjoni u d-Difiża ddikjaraw li jirrimettu ruħhom għall-provi prodotti;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi mixli talli nhar l-10 ta' Settembru 2021 għall-ħabta tal-11:00p.m. u fis-siegħat u/jew fil-ġranet u/jew ġimgħat ta' qabel ġewwa Zurrieq, Birżebbugia, u diversi postijiet ġewwa dawn il-Gżejjer: (1) ikkaġuna lil missieru Joseph Zahra fastidju meta ġab ruħu b'mod li missu kien jaf li kien qed ikun tali u li dawn id-delitti relatati twettqu ripetutament, minn żewġ persuni jew aktar li aġixxew flimkien u bi vjolenza qabel jew waqt it-twettiq tad-delitt; (2) ikkaġuna lil missieru Joseph Zahra biża li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjetà tiegħu u li dawn id-delitti relatati twettqu ripetutament, minn żewġ persuni jew aktar li aġixxew flimkien u bi vjolenza qabel jew waqt it-twettiq tad-delitt; U wkoll talli fil-perijodu ta' bejn it-28 ta' Awwissu 2021 u l-10 ta' Settembru 2021, ġewwa Żurrieq, Birżebbuġia u diversi postijiet ġewwa dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda: (3) mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' missieru Joseph Zahra f'periklu ċar, volontarjament ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u cioè offiżi ta' natura ħafifa ta' importanza żgħira fuq il-persuna ta' missieru Joseph Zahra, hekk kif iċċertifikat minn diversi tobba; (4) insulenta, ħedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lil missieru Joseph Zahra; (5) għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band' oħra fil-Kodiċi Kriminali lil missieru Joseph Zahra jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni; (6) mingħajr ma darab jew sawwat, hedded lil missieru Joseph Zahra b'ġebel jew oġġett ieħor iebes jew waddab jew qabad xi arma sabiex iħebb għalih; (7) volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet b'xi mod mhux imsemmi band' oħra fil-Kodiċi Kriminali; (8) bil-lejl, volontarjament kiser il-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes jew għajjat jew b'mod ieħor; U aktar talli fl-istess dati, ħinijiet, lokalitajiet u ċirkostanzi: (9) wara li kien avżat kemm bil-fomm kif ukoll b'avviż bil-miktub mill-Pulizija sabiex jattendi l-Iskwadra ta' Kontra l-Vjolenza Domestika ġewwa id-Depot tal-Furjana, sabiex jagħti dak it-tagħrif u/jew iġib miegħu dawk id-dokumenti li l-Pulizija kienu jinħtieġu fuq xi investigazzjoni, naqas li jagħmel dan.

L-imputat wieġeb li ma huwiex ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu.

B'Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju datata 15 ta' Ġunju 2022, l-Avukat Ġenerali bagħat lill-imputat biex jiġi ġġudikat minn din il-Qorti għall-ħtija jew ħtijiet maħsuba:

- Fl-Artikoli 251A(1)(b), 251A(4), 222(1)(a), 251H(b) u 251H(f) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 251B u 251H(f) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 18, 214, 215 u 221(3) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 18, 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 18, 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 18, 339(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 18, 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 18, 355AD(3)(4)(5) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 15A, 17, 31, 382A, 383, 384, 385 u 386 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Provi prodotti:**

Ix-xhud prinċipali fil-proċeduri odjerni huwa l-allegat vittma **Joseph Zahra**, missier l-imputat, illi xehed waqt is-seduta tas-7 ta' Ottubru 2021[19], fejn iddikjara li *ħabat għalija fuq l-għatba tal-bieb. … Faraġni għax tani daqqa ta' ponn f'imnieħri, kien hemm perijodu affarijiet bħal dawn xorta, mhux ħa noqgħod ngħidlek kienu nhar it-Tnejn jew kienu hekk.* Mistoqsi meta ġara dan l-inċident, Joseph Zahra wieġeb *kien f'Settembru u Awwissu. Fid-29 ta' Awwissu faraġni, fit-28 t'Awwissu għamilli reġa' l-istess.* Mistoqsi xi ġrieħi oħra sofra, Joseph Zahra xehed *kien hemm oħra fuq sieqi.*

Fir-rigward ta' l-inċident fejn jikkontendi li l-imputat farġu, Joseph Zahra stqarr li kien *filgħodu, kienu xi s-7:15, kont ħiereġ. … Kont ħiereġ mid-dar u wisq probabbli xammni li jien ħiereġ, qalli xi ħaġa u jiena lilu mhux ma nafdahx ta għax hu mhux dejjem u tah li jaħbat għaliha. Jiena ma ridtx nagħtih iċ-ċans jagħmilli dawn l-affarijiet. … Jiena kont miexi minn ġol-passaġġ tad-dar, għandi d-dar nista' nurihielek hemm hi kbira. … Hemm is-siġar hekk u jiena x'ħin ġejt bejn il-ħajt u s-siġar u l-passaġġ daqs hawn jew inqas, ġie jiġri u jiena erġajt mort lura lejn il-bieb ta' barra, lejn il-bieb l-aħdar. Ġie fuq l-għatba u "pum, pum, pum". … Faraġni. … B'idu. Jiena lilu m'għamiltlu xejn, ma kellux għalfejn jagħmilli hekk lili. Seta' ġie u qalli "Pa, bonġu" jiena dik li nistenna minnu. Jiena dak ir-rispett biss, jiena ma nitolbux flus.* Mistoqsi kemm qala' daqqiet u fejn qalagħhom, Joseph Zahra wieġeb *tani minn tnejn sa' tlieta. … Laqatni f'imnieħri u ħariġli d-demm, id-demm hu rah għax ċarċar fuq l-għatba, hu telaq, ħallejtu, jiena ċempilt lil tal-Pulizija, ġew il-Pulizija, ġie il-Pulizija Matthew, ra d-demm fuq l-għatba.* Mistoqsi x'diskors intqal mill-imputat, Zahra wieġeb *ma rridx inkabbarielu. Jista' jkun kien hemm u jista' jkun ma jkunx hemm. Jekk ngħidlek li forsi qalli "mur ħudu*

---

[19] Fol. 80 sa' 95 tal-proċess.

*f'sormok" jgħidli, jista' jgħidli issa jekk irid imma jiena kieku lanqas inkellmu.* Huwa kompla jgħid illi *jiena dak il-ħin aħjar nitla' fuq il-bejt għax nibda nibża' għax jiena lit-tifel nipprendih għax it-tifel mhuwiex mhux b'saħħtu ta, dak għandu saħħa jeqleb kull m'hawn bħalma kont jiena.* Stqarr ukoll illi *ġie s-Surġent li bl-amment ma ngħidulekx in-numru imma għandi miktub imma ra d-demm fuq l-għatba u ħadu r-ritratti, sa' wara l-bieb ta' ġewwa u sa' fuq it-taraġ, għax għandu taraġ wieqaf fejn trabba hemm għax dak hemm għex miegħi, dak ġibtu ta' ħames snin jien hemm. … Ġew il-Pulizija, tlajt fl-ambulanza, irkibt għall-isptar u mort l-isptar. … u l-Isptar għamluli l-medikazzjoni, għandi ċ-ċertifikati, il-punti, tajthom lilek u qegħdhin hawnhekk.* Fir-rigward ta' dan l-allegat inċident, l-imputat ġie invistat minn tabib illi ħareġ ċertifikat dwar il-ġrieħi li kellu.

Dwar inċidenti oħra, Joseph Zahra xehed illi l-imputat *laqatni ġo sieqi u telgħetli dbenġila daqshekk.* Xehed li ntlaqat f'koxtu tal-lemin u li l-imputat *qabad injama u taħieli ġo sieqi. … Qabadha u taħieli u hu jaf li jiena saqajja juġgħuni u jaf li rrid nagħmel 2 operazzjonijiet f'idi u f'saqajja. Jiena ma nippretendihomx dawn l-affarijiet mingħandu.* Huwa stqarr li l-imputat tah din id-daqqa għaliex *hekk fettilu ġo moħħu* u li kull meta' jisma' l-vann ta' l-imputat ġej dejjem jistenna xi ħaġa ħażina. Fir-rigward ta' dan l-inċident ukoll, l-imputat jistqarr li huwa ġie nvistat minn tabib illi ħareġ ċertifikat dwar il-ġrieħi li kellu.

Joseph Zahra għall-ewwel stqarr li dakinhar li allegatament farġu l-imputat kien it-28 ta' Awwissu 2021 u d-daqqa bl-injama tahielu fid-29 ta' Awwissu 2021 filgħaxija, iżda imbagħad ikkoreġa ruħu u stqarr li l-imputat allegatament reġa' farġu fid-29 ta' Awwissu 2021, għaliex skontu ġia kien farġu fit-28 ta' Awwissu 2021, u d-daqqa bl-injama tahielu fl-1 ta' Settembru 2021. Mistoqsi kemm kien ilhom għaddejjin dawn il-kwistjonijiet, Joseph Zahra stqarr li kienu ilhom għaddejjin u ta' l-aħħar kienu seħħew f'Awwissu 2021, bħal meta ad eżempju l-imputat allegatament kissirlu l-letter box. Mistoqsi dwar dan l-inċident partikolari, Joseph Zahra spjega li dan seħħ minħabba xi karti li l-Pulizija ħallew għandu u li dan kien fi żmien il-Milied. Stqarr li fir-rigward ta' l-inċidenti ta' Awwissu u Settembru, l-imputat kien imur ħdejn id-dar tiegħu (ossia ħdejn id-dar tal-missier) bil-lejl. Spjega wkoll li l-kwistjonijiet kollha jinqalgħu minħabba użu li l-imputat jidher li qed jagħmel minn proprjetà li Joseph Zahra jikkontendi li hija tiegħu u stqarr li *l-inċidenti hu qed joħloqomli. Jiena mhux qed noħloqlok inċidenti u qed joħloq lilek ukoll. Hu qed jaqla' l-problemi. Għaliex bħalma daħħal it-trakk ma jneħħihx ħalli jiena niġi clear? Għaliex jiena ma nistax nagħmel tank ta' l-ilma fuq il-bejt għax hemm it-trakk fin-nofs.*

F'dawn il-proċeduri xehdu wkoll id-diversi tobba li ħarġu ċertifikati fir-rigward ta' Joseph Zahra, fosthom Dr. Rebecca Galea, Dr. Justine Pearson, Dr. Maria Aquilina u Dr. Daniel Mizzi.

**Dr. Rebecca Galea**[20], xehdet illi hija eżaminat lil Joseph Zahra fid-29 ta' Awwissu 2021, ġewwa l-Health Centre tal-Furjana. Stqarret illi *hu qalli li dakinhar kien qala' daqqa fuq imnieħru, meta eżaminajtu kellu ftit uġigħ fuq imnieħru u barra minn*

[20] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-8 ta' Novembru 2021, fol. 102 u 103 tal-proċess.

*hekk ma sibtx iktar ġrieħi fuq imnieħru. Min-noti li kelli jien, il-ġurnata ta' qabel kien diga mar l-isptar minħabba l-istess ħaġa u barra minnhekk qal li kellu uġigħ f'dahru u meta eżaminajtulu dahru ma kienx hemm xi evidenza ta' ksur jew tbenġil imma uġigħ biss kellu. Jiġifieri jiena kont iċċertifikajt illi kellu uġigħ fuq imnieħru u uġiegħ f'dahru.* Fir-rigward ta' l-ilment ta' Joseph Zahra li qala' daqqa f'imnieħru, Dr. Galea qalet *meta missejtlu mnieħru kellu uġigħ imma ma kienx hemm sinjali ta' ksur frisk jiġifieri xi ġrieħi ġodda. Jien qed ngħid hekk għaliex il-ġurnata ta' qabel, meta ċċekkjajt in-noti, kien diga' mar l-isptar minħabba injury f'imnieħru wkoll.* Mistoqsija kellux tbenġil fuq imnieħru, Dr. Galea wieġbet *meta rajtu jiena ma kellux, ma kienx hemm xi sinjali jiġifieri ma kienx mgħawweġ, ma kienx hemm demm u ma kienx hemm tbenġil jiġifieri uġigħ meta mmissu biss kien hemm.*

Dr. Rebecca Galea kkonfermat li ċ-ċertifikat markat Dok. "EH9" a fol. 38 tal-proċess kien iċ-ċertifikat li ħarġet hi. Fl-imsemmi ċertifikat, datat 29 ta' Awwissu 2021, jingħad illi meta ġie eżaminat Joseph Zahra irriżulta li kien *tender over nasal bridge* u kellu *pain over back*. Hija kklassifikat tali tenderness u uġigħ bħala *slight save complications*.

**Dr. Justine Pearson**[21], xehdet illi hija nvistat lil Joseph Zahra fl-4 ta' Settembru 2021 ġewwa l-Poliklinika tal-Mosta. Stqarret illi *bażikament, min-naħa tiegħi waqt l-eżaminazzjoni, innutajt tbenġila ta' lewn vjola fuq in-naħa ta' quddiem tal-koxxa tal-lemin li bħala daqs kienet ta' madwar 22 ċentimetru tul u 12.5 ċentimetru wisa'*. Dr. Pearson stqarret illi Joseph Zahra qalilha li d-denġila ġietu *minħabba daqqa ta' injama però jiena ma nistax nikkonferma*. Hija kkonfermat li ċ-ċertifikat esebit bħala Dok. "EH10" a fol. 39 tal-proċess datat 4 ta' Settembru 2021, huwa ċ-ċertifikat maħruġ minnha. Fl-imsemmi ċertifikat il-ġrieħi riskontrati fuq Joseph Zahra ġew ikklassifikati bħala *ħfief (safe complications).*

**Dr. Maria Aquilina**[22] xehdet li hija eżaminat lil Joseph Zahra fit-28 ta' Awwissu 2021 fl-Emerġenza ta' l-ENT. Stqarret li kien hemm tlett tobba dakinhar u li t-tlieta li huma eżaminawh u hija ħadet in-noti ta' dak riskontrat minnhom. Xehdet illi *bażikament bħala injuries li kellu, girfa superiċjali fin-naħa tar-rigt ta' mnieħru, ġie l-emerġenza ta' l-ENT għaliex kien qed jinfaraġ skond in-nota però meta rajnieh aħna ma kienx qed jinfaraġ, kellu demm niexef f'imnieħru u min-naħa tagħna tajnieh spray ta' l-imnieħer sabiex ikun moisturizer u bgħattnieh l-emerġenza proprja biex jinvestigawh aktar fid-dettal.* Dr. Aquilina stqarret illi Joseph Zahra qalilhom li kien involut fi ġlieda imma ma kellhomx dettalji iżda, semma li din ġrat mat-tifel.

**Dr. Daniel Mizzi**[23] xehed illi fit-28 ta' Awwissu 2021 huwa kien invista lil Joseph Zahra u rriskontra li kellu *superficial abrasion over his right nose and he also underwent a CT brain which showed no acute findings and nature of these injuries*

[21] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-8 ta' Novembru 2021, fol. 104 u 105 tal-proċess.

[22] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-24 ta' Jannar 2022, fol. 123 u 124 tal-proċess.

[23] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tat-8 ta' Novembru 2021, fol. 106 u 107 tal-proċess.

*is a slight safe complications.* Iċ-ċertifikat maħruġ minn Dr. Daniel Mizzi datat 28 ta' Awwissu 2021, jinsab a fol. 36 tal-proċess.

Xehed ukoll **l-Ispettur Eman Hayman**[24], li kien l-uffiċjal tal-Pulizija li nvestiga dan il-każ. Huwa ddikjara li *l-Iskwadra ta' kontra l-Vjolenza Domestika kienet qed tirċievi diversi lmenti minn Joseph Zahra, ha nidentifikah bħala Joseph Zahra senior, fil-konfront ta' l-imputat Joseph Zahra junior, li huwa t-tifel tiegħu, kif ukoll kien indika lit-tifel tiegħu l-ieħor illi dak każ separat minn dan. B'mod individwali għal Joseph Zahra junior, senior kien qed jinsisti illi kien hemm kwistjoni bejniethom, liema kwistjoni hija waħda kumplikata u tinvolvi art ġewwa Triq Ħal-Far, limiti taż-Żurrieq, liema proprjetà kien qed jinqala' diversi diżgwid u fosthom, skond ma kien qed jallega senior, kien qed jiġi msawwat u mgħajjar minn junior u l-Pulizija kienet ħadet ir-rapporti. Apparti r-rapporti, fejn ġie indikat meta qala' proprju jindika li kellu ppreżentat ċertifikat u l-ħin indikat meta qala' proprju ndika li kellu ġerħa, li sofra ġerħa allegatament mill-imputat u iċ-ċertifikat, il-ħin meta sar, kien wieħed li jagħmel sens. Għaliex il-Pulizija proprju qagħdet tidħol f'dan il-mertu, avolja dan il-mertu dejjem daħlet, fil-każ ta' Joseph Zahra senior mhuwiex persuna faċli illi proprju tieħu rapport jew li jagħti xi spjegazzjoni, tant ieħor l-istess imputat, ma tantx huma nies faċli li titkellem magħhom. Jiena kont ressaqt lil Jopseh Zahra junior u qabel ma għamilt dan, jiena kont arrestajt lil Joseph Zahra junior. Għall-fatt illi kienu saru diversi tentattivi fejn ġie kkuntattjat fuq numru ċellulari illi Joseph Zahra junior qed jgħid li mhux tiegħu imma ta' ħuħ Mario, iżda kien ġie indikat diversi dati u diversi ħinijiet, kienu ntbagħtu letters to call, liema letters to call ġew assolutament injorati u meta kien sar il-kollegament ma' junior, kien bid-dikjarar "jiena mhu se niġi imkien" u għaldaqstant kont irrikorrejt proprju għall-mandat ta' arrest u tali aġir ġie rifless fl-akkuża, ġo l-imsemmija akkuża. ... F'dak li kien l-arrest, Joseph Zahra junior kien ġie interrogat minni. Dak li kien qed isostni junior kien illi l-Pulizija kienet qiegħda bħal tieħu, bl-Ingliż, "choose a side" jiġifieri tagħżel naħa fejn il-Pulizija kienet qed tagħmel il-ħidma tagħha sabiex proprju ċċaħħad lil junior milli jmur f'din il-proprjetà fejn jabita l-missier. Ġie spjegat bir-reati, ġie muri ċ-ċertifikati, ġie mistoqsi diversi mistoqsijiet relatati mar-rapporti u Joseph Zahra junior kien ċaħad illi sawwat lil missieru u kien indika, ħa nuża l-kelma tiegħu, li kienu sawtuh in-nies li jabitaw fl-open centre, biex niftehmu immirgranti ta' karnaġġjon skura.*

L-Ispettur Hayman ikkonferma li r-rapporti esebiti u markati bħala Dok. "EH4" sa' Dok. "EH7" a fol. 18 sa' 34 tal-proċess, huma rapporti li Joseph Zahra għamel mal-Pulizija fir-rigward ta' l-imputat.

Ikkunsidrati l-provi prinċipali prodotti mill-Prosekuzzjoni, il-Qorti ser tgħaddi billi tittratta l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputat.

**Imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' l-imputat:**

---

[24] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-1 ta' Diċembru 2021, fol. 109 sa' 112 tal-proċess.

Il-Qorti tibda l-ewwel qabel kollox billi tosserva li huwa ormai prinċipju assodat fis-sistema ġuridika nostrali li: *fi proċediment kriminali, sabiex l-akkużat jiġi misjub ħati tal-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu dawn għandhom jiġu pruvati oltre kull dubju dettat mir-raġuni. F'dan ir-rigward issir referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-5 ta' Diċembru, 1997 fil-kawża fl-ismijiet "Il-Pulizija v Peter Ebejer", fejn il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilħaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jħalli ebda dubju dettat mir-raġuni u mhux xi grad ta' prova li ma jħalli ebda ombra ta' dubbju. Id-dubbji ombra ma jistgħux jitqiesu bħala dubbji dettati mir-raġuni. Fi kliem ieħor, dak li l-ġudikant irid jasal għalih hu, li wara li jqis ċ-ċirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-buon sens tiegħu, ikun moralment konvint minn dak l-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ċċitat l-ispjegazzjoni mogħtija minn Lord Denning fil-każ "Miller v Minister of Pension" - 1974 - ALL Er 372, ta' l-espressjoni 'proof beyond a reasonable doubt.' "Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence, 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice." .... Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-aħjar provi sabiex tikkonvinċi lill-Qorti li l-akkużi addebitati lill-imputat huma veri u dan għaliex kif jirritjeni l-Manzini fil-ktieb tiegħu Diritto Penale Vol III Kap IV paġna 234, Edizione 1890:- "il così detto onero della prova, cioè il carico di fornire, spetta a chi accusa - onus probandi incumbit qui osservit"[25].*

**L-ewwel u t-tieni imputazzjoni dedotti fil-konfront ta' l-imputat**:

Bl-ewwel u t-tieni imputazzjoni dedotti kontrih, l-imputat qed jiġi mixli li nhar l-10 ta' Settembru 2021 għall-ħabta tal-11:00p.m. u fis-siegħat u/jew fil-ġranet u/jew ġimgħat ta' qabel ġewwa Zurrieq, Birżebbugia, u diversi postijiet ġewwa dawn il-Gżejjer: (1) ikkaġuna lil missieru Joseph Zahra fastidju meta ġab ruħu b'mod li missu kien jaf li kien qed ikun tali u li dawn id-delitti relatati twettqu ripetutament, minn żewġ persuni jew aktar li aġixxew flimkien u bi vjolenza qabel jew waqt it-twettiq tad-delitt; (2) ikkaġuna lil missieru Joseph Zahra biża li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjetà tiegħu u li dawn id-delitti relatati twettqu ripetutament, minn żewġ persuni jew aktar li aġixxew flimkien u bi vjolenza qabel jew waqt it-twettiq tad-delitt, liema imputazzjonijiet huma essenzjalment ibbażati fuq l-Artikoli 251A u 251B tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fir-rigward ta' dawn iż-żewġ artikoli tal-Liġi u r-reati fihom ravviżati, il-Qorti tosserva li: *ir-reat tal-fastidju u tal-harassement kif ikkontemplati fl-artikoli 251A u 251B ġew introdotti għall-ewwel darba fil-liġi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005. Illi mill-ġurisprudenza tal-qrati tagħna jidher illi l-imġieba li toħloq il-fastidju trid tkun "a course of conduct" u mhux inċident wieħed u iżolat. Illi f'sentenza mogħtija mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali fil-kawża fl-ismijiet "Il-Pulizija vs James Demanuele" deċiża fis-26 ta' Novembru 2009, il-Qorti stqarret:*

[25] Il-Pulizija v. Clifton Grech, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-11 ta' Ottubru 2022.

*"L-artikolu 251A joħloq ir-reat ta' persuna li ġġib ruħha b' mod li tagħti fastidju lil persuna oħra u b' mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju għal dik il-persuna. Il-liġi fis-sub-inċiż (2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iġġib ruħha b' mod dubbjuż imissha tkun taf li dik l-imġieba tammonta għal fastidju ta' persuna oħra jekk fil-qies ta' persuna raġjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku taħseb li dik l-imġieba kienet tammonta għal fastidju tal-persuna l-oħra. Fis-subinċiż (3)(ċ) il-liġi tkompli tgħid li persuna akkużata b'reat taħt dan l-artikolu tista' ġġib prova li fiċ-ċirkostanzi partikolari dik l-imġieba kienet waħda raġjonevoli. Fl-artikolu 251Ċ hu provdut li riferenzi għall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludi meta wieħed jagħti qata': ("alarming") jew idejjaq: ("causing ... distress") lill-persuna. Illi t-terminu legali fastidju (bl-Ingliz "harassment") ġie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bħala :- "Words, conduct or action (usu. Repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose", dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jiġi konsidrat "in isolation" b' riferenza biss għall-każ mertu tal-kawża imma wkoll irid jitqies fl-isfond tar-retroxena u ta' l-aġir preċedenti tal-ġudikabbli. Dan għaliex kif ġie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali: "Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez" [21.6.07]:- ".... f' każijiet bħal dawn ir-retroxena għal kull inċident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-inċident iżolat u aċċidentali minn aġir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' żmien. Però, xorta waħda jkun irid jirriżulta mill-provi għall-fini tal-parametri tal-akkuża nnifisha." Illi apparti mid-dispożizzjoni kontenuta fl-artikolu 251Ċ li tgħid li riferenzi għall-għoti ta' fastidju lil persuni jinkludu meta wieħed jagħti qata' jew idejjaq lill-persuna ("alarming the person or causing the person distress" fit-test Ingliż), il-liġi tagħna ma tagħti ebda definizzjoni oħra tat-terminu ġeneriku fastidju jew "harassment". Issa filwaqt li n-nuqqas ta' definizzjoni speċifika u dettaljata tar-reat in diżamina tagħmilha possibbli għall-gudikant li jqis bħala fastidju aġir li jkun jieħu l-forma ta' diversi varjazzjonijiet tal-istess delitt, jista' mill-banda l-oħra joħloq ukoll inċertezzi fl-applikazzjoni tal-liġi penali fir-rigward ta' dawn it-tip ta' reati li ta' sikwiet jimbtu minn relazzjonijiet inter-personali komplikati u delikati. Kull tip ta' dan l-aġir però hu kalkolat li joħloq ċerta biża' f'dak li jkun b'mod li joħloq sensazzjoni li qed tiġi segwit u impoġġi taħt ċerta pressjoni inġusta. Hu proprju dan li din il-liġi l-ġdida trid tipprojbixxi."*[26]

Fir-rigward tar-reat ta' fastidju bil-vjolenza ai termini ta' l-Artikolu 251B tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, *f'sentenza mogħtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Raymond Parnis" (per Prim' Imhallef Vincent DeGaetano 24/04/2009), il-Qorti tat definizzjoni eżawrjenti ta' dak li jikkostitwixxi il-harassement taħt dina id-disposizzjoni tal-liġi. Il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza tagħha fil-fatt tissottolinja il-fatt illi l-kelma "imġieba" fit-test tal-liġi timplika "a course of conduct" u mhux xi inċident wieħed iżolat. Il-Qorti tistqarr: ... illi dawn l-affarijiet kollha li seħħew fil-kuntest ta' inċident wieħed – ma jistgħu qatt jammontaw għar-reat kontemplat fl-Artikolu 251B imsemmi. Dan ir-reat ġie evidentement ispirat mill-Artikolu 4(1) tal-Protection from Harassment Act, 1997 tal-Ingilterra, liema artikolu jipprovdi testwalment hekk: "A person whose course*

---

[26] Il-Pulizija v. Andrè Attard, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-12 ta' Marzu 2019.

*of conduct causes another to fear, on at least two occasions, that violence will be used against him is guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions." L-Artikolu 251B tagħna – u hawn il-Qorti ser tuża t-test Ingliż proprju biex wieħed ikun jista' jara x-xebħ u fejn saru t-tibdiliet – jipprovdi, fis-subartikolu (1) tiegħu, hekk: "A person whose course of conduct causes another to fear that violence will be used against him or his property or against the person or property of any of his ascendants, descendants, brothers or sisters or any person mentioned in sub-article (1) of article 222 shall be guilty of an offence if he knows or ought to know that his course of conduct will cause the other so to fear on each of those occasions..." . Il-kliem "on each of those occasions" huma indikattivi li l-att materjali ma jistax iseħħ f'okkazjoni waħda iżda jrid ikun hemm għall-anqas żewġ okkażjonijiet – proprju kif jingħad fil-matriċi Ingliża, "on at least two occasions". Għal xi raġuni – fil-fehma ta' din il-Qorti kompletament illoġika – il-kliem "on at least two occasions" tħallew barra. Fi kliem l-edituri ta' Blackstone's Criminal Practice, 2008: "How separate the two occasions must be remains to be seen. The nature of stalking, the activity which primarily created the need for the new offences, might mean that the occasions are likely to be on separate days, although it may be possible to differentiate activities on one day where they can be viewed as not being continuous. The further apart the incidents, the less likely it is that they will be regarded as a course of conduct ... It was recognised, however that circumstances can be conceived 'where incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct'. The type of incidents would be those intended to occur on an annual event such as a religious festival or a birthday..." Din il-Qorti mhix ser tipprova tagħti definizzjoni eżawrienti ta' x'jammonta għal "course of conduct" għall-fini tal-imsemmi Artikolu 251B(1) – u anqas ma hi ser tipprova telenka każijiet, anke jekk biss bħala forma ta' eżempju, li jammontaw jew ma jammontawx għal tali "imġieba", ħaġa li trid tiġi deċiża minn każ għal każ skond iċ-ċirkostanzi u bl-applikazzjoni ta' doża qawwija ta' saġġezza min-naħa tal-ġudikant. Dak li qed jiġi deċiż f'din il-kawża hu biss li inċident wieħed (u, per di più, ta' minuti) ma jammontax għal "course of conduct" għall-finijiet tal-Artikolu 251B(1). Inoltre huwa evidenti li l-vjolenza kontemplata fl-imsemmi artikolu hija dik li talvolta tista' tiġi perpetrata fil-futur u mhux dik li effettivament tkun ġiet kommessa. Il-vjolenza effettivament kommessa tiġi punita taħt disposizzjonijiet oħra tal-liġi." Illi l-ligi għalhekk titkellem dwar "imġieba", a course of conduct, u minn dina l-esposizzjoni legali jirriżulta illi dan ir-reat ma jisussistix jekk dan ikun xi inċident iżolat*[27].

Fil-fehma tal-Qorti l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova sal-grad minnha rikjest mil-Liġi, ossia lil hinn minn kull dubju raġonevoli, mhux biss il-ħtija ta' l-imputat għat-twettiq ta' dawn ir-reati, iżda addirittura l-istess twettiq ta' tali reati fil-konfront ta' Joseph Zahra, u dana minhabba x-xhieda xejn koerenti ta' l-istess Zahra.

Filwaqt li l-imputat qed jiġi mixli bir-reat ta' fastidju fil-konfront ta' missieru Joseph Zahra u dan Joseph Zahra għamel diversi rapporti fir-rigward mal-Pulizija,

---

[27] Il-Pulizija v. Andrè Attard, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fit-12 ta' Marzu 2019.

l-istess Zahra għamilha piuttost ċara li bejnu u bejn ibnu (in verità maż-żewġ uliedu) hemm kwistjoni rigwardanti xi proprjetà. Minkejja r-rapporti magħmula minn Joseph Zahra mal-Pulizija, fix-xhieda tiegħu, kemm in eżami[28] kif ukoll in kontro-eżami[29], huwa ripetutament qal li l-imputat jaċċedi fil-proprjetà in kwistjoni bil-buona grazia tiegħu, iżda jikkontendi li huwa wkoll għandu dritt jaċċedi u jagħmel użu minn din il-proprjetà. Fid-dawl ta' dan għandu jirriżulta b'mod ċar li l-element tal-fastidju kif imfisser fil-prinċipji ġuridiċi appena ċitati ma jissussistix. Jekk jissussistu kwistjonijiet oħra, dawn ma jaqgħux taħt l-akkuża tal-fastidju avvanzata fil-konfront ta' l-imputat u addirittura l-Qorti għandha d-dubji tagħha kemm tali kwistjonijiet jistgħu jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Qrati Kriminali.

Fil-fehma tal-Qorti għalhekk, a bażi tal-provi prodotti u minħabba x-xhieda xejn koerenti ta' Joseph Zahra, l-imputat ma jistax u ma għandux jinstab ħati ta' l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

In kwantu rigwarda t-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat, ossia l-imputazzjoni tal-fastidju bil-biża' li ser tintuża vjolenza, huwa evidenti li l-Prosekuzzjoni ressqet tali imputazzjoni a bażi tar-rapporti li għamel Joseph Zahra fis-7 ta' Settembru 2021 dwar inċident li allegatament seħħ fl-4 ta' Settembru 2021[30], fid-29 ta' Awwissu 2021 dwar inċident li allegatament seħħ dakinhar[31] u fit-28 ta' Awwissu 2021 dwar inċident li wkoll allegatament seħħ dakinhar[32].

Fir-rapport datat **7 ta' Settembru 2021**, Joseph Zahra rrapporta li *fl-4 ta' Settembru għall-ħabta ta' bejn id-9:30a.m. u l-10:30a.m. kien qiegħed ħdejn il-bieb ta' barra u ra lill-ibnu Joseph Zahra ġej direzzjoni lejh u f'idejh kellu injama imdaqqsa tal-kurrenti. Joseph Zahra spjega li ma kellhomx argumenti iżda rah ġej għalih għal xejn b'xejn.* Fl-istess rapport hemm indikat li Joseph Zahra kien irrikorra ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija fis-6 ta' Settembru 2021 fejn insista li jitkellem ma' l-Ispetturi ta' l-Iskwadra tal-Vjolenza Domestika. Peress illi l-Ispetturi nqabdu fuq xogħol barra mill-Kwartieri, għall-ħabta ta' 17:30hrs Joseph Zahra għadda dokumenti lil PS2007, liema dokumenti kienu jikkonsistu f'ċertifikat mediku datat 4 ta' Settembru 2021 maħruġ minn Dr. Justine Pearson, nota ta' Mr. Ray Gatt datata 21 ta' Jannar 2021 u ċertifikat maħruġ minn Dr. David Fenech datat 1 ta' Settembru 2021.

Dak rappurtat minn Joseph Zahra fir-rapport datat 7 ta' Settembru 2021, però ma ġiex minnu kkonfermat u koroborat fix-xhieda tiegħu in kwantu huwa stqarr u iddikjara li l-imputat allegatament taħ daqqa ta' injama fl-1 ta' Settembru 2021. Huwa ma semma assolutament xejn fir-rigward ta' xi inċident li seta' seħħ fl-4 ta' Settembru 2021.

[28] Xhieda mogħtija waqt is-seduta tas-7 ta' Ottubru 2021, fol. 80 sa' 95 tal-proċess.

[29] Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-4 ta' Ottubru 2022, fol. 175 u 176 tal-proċess.

[30] Dok. "EH5" a fol. 23 sa' 26 tal-proċess.

[31] Dok. "EH6" a fol. 27 sa' 30 tal-proċess.

[32] Dok. "EH7" a fol. 31 sa' 34 tal-proċess.

Fir-rapport datat **29 ta' Settembru 2021**, Joseph Zahra rrapporta li l-imputat reġa' ħebb għalih. Fir-rapport jingħad *Zahra spjega li dalgħodu għall-ħabta ta' bejn is-7:00a.m. u s-7:15a.m., kien qiegħed id-dar tiegħu ġewwa Ħal-Far fejn hekk kif ħareġ mid-dar sab lil ibnu Joseph Zahra fejn dan ħebb għalih u beda jtiħ bil-ponn tant li farġu u ħariġlu d-demm. Ibnu Joseph qal lil missieru li jekk irid jista' jisparalu, u cioè "sparali pa jien hawn ħa noqgħod". Il-kwerelant spjega li ibnu ma jridx ikellmu iżda xorta kien jitla' ħdejh. Il-kwerelant semma' ċertu affarijiet li huma Ċivili u għalhekk ġie nfurmat sabiex rigward dawn l-affarijiet għandu jitkellem ma' l-avukat ta' fiduċja tiegħu. Dawn l-argumenti qegħdin jinqalgħu fuq affarijiet li huma ċivili, fosthom rigward it-triq u li jidħol fejn id-dar u li jikkmanda lil min ikollu d-dar. Joseph Zahra ID No. 293553M ppreżenta ċertifikat mediku maħruġ minn Dr. Rebecca Galea MD Reg No. 4123 taċ-Ċentru tas-Saħħa tal-Floriana fejn iċċertifikat li Joseph kien qiegħed isofri minn ġrieħi ta' natura ħafifa (tender over nasal bridge, pain over back).*

Fil-fehma tal-Qorti l-inċident allegat f'dan ir-rapport huwa l-inċident li dwaru xehed Joseph Zahra waqt is-seduta tas-7 ta' Ottubru 2021[33], fejn appuntu qal li l-imputat kien sabu ħiereġ mid-dar għall-ħabta tas-7:15a.m. u kien reġa' taħ daqqa ta' ponn u reġa' farġu. Madanakollu però mix-xhieda ta' Dr. Rebecca Galea, li kienet it-tabiba li nvistat lil Joseph Zahra dakinhar tad-29 ta' Awwissu 2021, jirriżulta li hija ma sabitlux leżjonijiet friski u lanqas ksur jew tbeġil frisk la f'imnieħru u lanqas f'dahru. Di fatti kull ma rriskontrat f' Joseph Zahra kien uġigħ f'imnieħru w uġigħ f'dahru għax hekk qalilha li kien qed iħoss. Hija rrimarkat li Zahra kellu xi demm niexef f'imnieħru iżda osservat li l-ġurnata ta' qabel, ossia fit-28 ta' Awwissu 2021, Zahra wkoll kien irrikorra għand Tabib biex jiġi invistat peress li skontu kien qala' daqqa ta' ponn u nfaraġ.

Fid-dawl tal-fatt li Dr. Galea ma rriskontrat l-ebda leżjoni friska fuq Joseph Zahra dakinhar tad-29 ta' Awwissu 2021, din il-Qorti diffiċilment tista' tqis li dak affermat minn Zahra kemm fir-rapport tiegħu kif ukoll fix-xhieda li ta quddiem il-Qorti ġie ippruvat lil hinn minn kull dubju raġonevoli.

Fir-rapport datat 28 ta' Awwissu 2021, Joseph Zahra rrapporta li *fis-6:30pm ħriġt barra u sibt il-grada maqluba, jien ħriġt sabiex immur nieħu kafe iżda ma irnexxilix nagħmel dan peress li t-tifel Joseph Zahra ġie fejn il-grada barra, fl-entratura li hija dik li ridt noħroġ minnha bilfors u f'daqqa waħda qabad u daħal għalija, fuq l-għatba tal-bieb. Kelli baskett fil-flus (3,000) u ħadomli wara li tagħni daqtejn ġo wiċċi. Leħaqni fuq l-għatba għax proprju kelli idejja fil-but sabiex noħroġ iċ-ċavetta tal-bieb u kien hawn li qabad itini diversi daqqiet b'idejh, beda ħiereġ id-demm u ndunajt li hu kien liebes dik li jgħidulha 'tal-ponn' u fil-fatt qasamli imnieħri u jien mort nagħmel ċertifikat. Ilħaqt ftaħt il-bieb, dħalt, naf li kelli baskett f'idi li ħaduwli u telaq 'l hemm bih iżda qabel telaq qaleb tank tal-plastic, daqs ta' bagalja. Ċempilt il-Pulizija, id-depot, u dan sabiex ningħata l-għajnuna, il-Pulizija ġew iżda ma laħquhx lil Joseph u naf li waqt li kont qed inċempel daħal Mario li hu t-tifel il-kbir fejn malli daħal u jiena rajtu meta nżilt*

[33] Fol. 80 sa' 95 tal-proċess.

*isfel, ġie għalija u qabad jagħtini bl-addoċċ u bħal Joseph reġa' tagħni daqqa b'id tal-ponn u ħin minnhom kisirli l-mobile peress li garali l-ilma.*

Il-Qorti ma tistax tonqos milli tirrileva li dan l-allegat inċident ma rriżultax mix-xhieda ta' Joseph Zahra, tant illi ma semma xejn dwar ammont ta' flus li allegatament insteraqlu mill-imputat u li fil-kors ta' l-allegata agressjoni inkisirlu l-mobile, żewġ ċirkostanzi dawn li ċertament wieħed jippretendi li Joseph Zahra kellu jagħmel referenza għalihom. Fattur ieħor li jirrendi x-xhieda ta' Joseph Zahra għal kollox mhux koerenti huwa l-fatt li fix-xhieda tiegħu huwa ddikjara li l-imputat qasamlu mnieħru u sarulu l-punti f'imnieħru, iżda dan ma huwa rifless f'ebda wieħed miċ-ċertifikati esebiti fl-atti ta' dawn il-proċeduri.

Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilhiex tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli l-ħtija ta' l-imputat għat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u għaldaqstant l-imputat ma għandux u ma jistax jinstab ħati ta' l-istess.

**It-tielet, ir-raba', il-ħames, is-sitt, is-seba' u t-tmien imputazzjoni dedotti fil-konfront ta' l-imputat**:

L-imputat qed jiġi mixli wkoll talli fil-perijodu ta' bejn it-28 ta' Awwissu 2021 u l-10 ta' Settembru 2021, ġewwa Żurrieq, Birżebbuġia u diversi postijiet ġewwa dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li kienu magħmula b'riżoluzzjoni waħda: (3) mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' missieru Joseph Zahra f'periklu ċar, volontarjament ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u cioè offiżi ta' natura ħafifa ta' importanza żgħira fuq il-persuna ta' missieru Joseph Zahra, hekk kif iċċertifikat minn diversi tobba; (4) insulenta, ħedded jew inġurja bi kliem jew b'mod ieħor lil missieru Joseph Zahra; (5) għamel inġurji jew theddid mhux imsemmija band' oħra fil-Kodiċi Kriminali lil missieru Joseph Zahra jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni; (6) mingħajr ma darab jew sawwat, hedded lil missieru Joseph Zahra b'ġebel jew oġġett ieħor iebes jew waddab jew qabad xi arma sabiex iħebb għalih; (7) volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet b'xi mod mhux imsemmi band' oħra fil-Kodiċi Kriminali; (8) bil-lejl, volontarjament kiser il-mistrieħ tan-nies bi ħsejjes jew għajjat jew b'mod ieħor.

Fid-dawl ta' dak appena osservat dwar ix-xhieda għal kollox inkoerenti ta' Joseph Zahra, liema xhieda lanqas hija sodisfaċentement u debitament ikkoroborata bil-provi l-oħra prodotti mill-Prosekuzzjoni, dwar l-inċidenti li allegatament kellu ma' l-imputat, isegwi li anke fir-rigward tat-tielet, ir-raba', il-ħames, is-sitt, is-seba' u t-tmien imputazzjoni dedotti fil-konfront ta' l-imputat, il-Prosekuzzjoni ma irnexxilhiex tipprova lil hinn minn kull dubju raġonevoli l-ħtija ta' l-imputat għal tali imputazzjonijiet.

Konsegwent għalhekk il-Qorti ma tistax u ma għandhiex issib lill-imputat ħati tat-tielet, ir-raba', il-ħames, is-sitt, is-seba' u t-tmien imputazzjoni dedotti fil-konfront ta' l-imputat.

**Id-disa' imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat:**

L-imputat qed jiġi mixli wkoll li talli fl-istess dati, ħinijiet, lokalitajiet u ċirkostanzi: wara li kien avżat kemm bil-fomm kif ukoll b'avviż bil-miktub mill-Pulizija sabiex jattendi l-Iskwadra ta' Kontra l-Vjolenza Domestika ġewwa id-Depot tal-Furjana, sabiex jagħti dak it-tagħrif u/jew iġib miegħu dawk id-dokumenti li l-Pulizija kienu jinħtieġu fuq xi investigazzjoni, naqas li jagħmel dan.

Din l-imputazzjoni hija bbażata fuq dak provdut fl-Artikolu 355AD tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, b'mod partikolari fuq is-subartikoli (3), (4) u (5): *(3) Il-Pulizija tista', bil-fomm jew b'avviż bil-miktub, teħtieġ lil xi persuna li tattendi l-Għassa tal-Pulizija jew xi post ieħor li tindikalha sabiex hemm tagħti dak it-tagħrif u ġġib magħha dawk id-dokumenti li l-Pulizija jistgħu jinħtieġu u jekk dik il-persuna hekk tattendi fl-Għassa tal-Pulizija jew post lilha indikat hija għandha titqies bħala li tkun attendiet dik l-Għassa tal-Pulizija jew post ieħor volontarjament. L-avviż bil-miktub imsemmi f'dan is-subartikolu għandu jkun fih twissija dwar il-konsegwenti li n-nuqqas ta' tħaris iġib miegħu, kif jinsabu msemmija fis-subartikolu (5); (4) Kull min il-Pulizija tqis li jkollu xi tagħrif jew dokument rilevanti għal xi investigazzjoni, għandu l-obbligu legali li jimxi mat-talba li ssirlu mill-Pulizija li jattendi f'Għassa tal-Pulizija sabiex hemm jagħti kif ikun meħtieġ dak it-tagħrif jew dokument: Iżda ħadd ma jkun marbut li jagħti xi tagħrif jew dokument li jista' jinkriminaha*; *(5) Persuna li tonqos milli tħares xi avviż bil-miktub bħalma hemm imsemmi fis-subartikolu (3) jew li tonqos, meta tkun hekk ġiet mitluba, ukoll jekk biss bil-fomm, li tmur minn jeddha ma' uffiċjal tal-Pulizija f'xi Għassa tal-Pulizija jew xi post ieħor li jindikalha l-uffiċjal tal-Pulizija għal xi għan imsemmi fis-subartikolu (3) imsemmi, tkun ħatja ta' kontravvenzjoni punibbli b'detenzjoni u tkun tista' tiġi arrestata minnufih taht mandat.*

Mill-provi prodotti mill-Prosekuzzjoni, senjatament mix-xhieda ta' l-Ispettur Eman Hayman[34], jirriżulta li sar kuntatt ma' l-imputat u anke ntbagħtu Letters to Call biex huwa jattendi ġewwa l-uffiċċji ta' l-Iskwadra Kontra l-Vjolenza Domestika, li però ġew għal kollox injorati minnu. Jirriżulta wkoll li finalment sar kuntatt dirett ma' l-imputat u huwa stqarr li ma kienx ser jattendi kif lilu mitlub. Dan il-fatt ma jirriżultax biss mix-xhieda ta' l-Ispettur Hayman iżda jirriżulta wkoll mill-istqarrija rilaxxata mill-imputat. In effetti mistoqsi dwar ir-rikjesta verbali biex jattendi għal laqgħa ma' l-Ispettur Hayman, l-imputat stqarr *u dak il-ħin ma nafx kienx qed ikellmek bit-telefon, għidtlu jein mhux sejjer imkien għax jien m'għamilt xejn*[35].

Fil-fehma tal-Qorti il-ħtija ta' l-imputat għal din l-imputazzjoni partikolari ġiet ippruvata mill-Prosekuzzjoni lil hin minn kull dubju raġonevoli. Il-fatt li l-imputat ħass li ma għamel xejn ħażin u l-fatt li fl-aħħar mill-aħħar il-Prosekuzzjoni, minħabba x-xhieda xejn koerenti ta' Joseph Zahra, ma seħħilhiex tipprova l-każ tagħha kontra l-imputat, ma jiġġustifikawx id-deċiżjoni tiegħu li ma jattendix meta mitlub jagħmel hekk u lanqas ma jeżonerawh mir-responsabilità legali għal tali nuqqas. Il-Liġi hija ċara: *kull min il-Pulizija tqis li jkollu xi tagħrif jew dokument*

---

34 Xhieda mogħtija waqt is-seduta ta' l-1 ta' Diċembru 2021, fol. 109 sa' 112 tal-proċess.

35 Fol. 141 tal-proċess.

*rilevanti għal xi investigazzjoni,* ***għandu l-obbligu legali li jimxi mat-talba li ssirlu mill-Pulizija li jattendi f'Għassa tal-Pulizija sabiex hemm jagħti kif ikun meħtieġ dak it-tagħrif jew dokument***[36]*,* u kull persuna, inkluż għalhekk l-imputat, li tonqos milli taderixxi ma' dan l-obbligu legali, tkun ħatja ta' kontravvenzjoni punibbli b'detenzjoni.

Fid-dawl ta' dan kollu għalhekk il-Qorti għandha ssib lill-imputat ħati tad-disa' imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu.

In kwantu rigwarda t-talbiet tal-Prosekuzzjoni a bażi ta' l-Artikolu 382A, 383 et seq., u 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, in vista taċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ il-Qorti qed tastjeni milli tieħu konjizzjoni ta' l-istess.

Għaldaqstant, il-Qorti, filwaqt li mhux qed issib lill-imputat ħati ta' l-ewwel, it-tieni, it-tielet, ir-raba', il-ħames, is-sitt, is-seba' u t-tmien imputazzjoni dedotti fil-konfront tiegħu u b'hekk tilliberah minnhom, u wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 7(2), 12 u 355AD(3)(4)(5) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat ħati tad-disa' imputazzjoni dedotta fil-konfront tiegħu u tikkundannah għall-perijodu ta' sebat (7) ijiem detenzjoni.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**

---

[36] Enfasi tat-Tribunal.